MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ROBERT G MANGION

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2013

Rikors Numru. 545/2012

**Christine Borg**
**vs**
**Joseph Borg**

**Il-Qorti,**

**Preambolu;**

Rat ir-rikors tal-attrici tas-17 ta' Ottubru 2012 li permezz tieghu ippremettiet u talbet is-segwenti:-

Illi l-partijiet izzewgu fl-10 ta' Awwissu 1991 u minn dan iz-zwieg huma kellhom tifel illum maggorenni.

Illi l-partijiet ilhom de facto separati minn xulxin ghal dawn l-ahhar sbatax-il sena, u cioe mis-sena 1995.

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom *stante* li minbarra li ilhom snin mifrudin, huma

ghandhom hajja totalment separata minn xulxin. In effetti, l-esponent tghix l-Ingilterra u ghandha hajja separata hemmhekk.

Illi m'hemm l-ebda kwistjoni ta' manteniment pendenti bejn il-partijiet.

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-artiklu 66B tal-Kodici Civili Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex: -

1.Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

2.Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekkk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex danjigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat il-verbal tas-seduta tal-10 ta’ Jannar 2013 fejn il-konvenut deher ghas-seduta, laqa’ kopja tar-rikors promotur tas-17 ta’ Ottubru 2012 u tal-avviz tas-smiegh, iddikjara li ma kienx behsiebu jipprezenta risposta peress li ma kienx qed jopponi ghat-talbiet attrici.

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

Rat l-atti kollha.

Ikkunsidrat.

**Provi**.

Mill-provi migbura jirrizulta:

Illi l-partijiet izzewgu fl-10 ta’ Awwissu 1991 u minn dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal illum maggorennzi.

L-attrici xehdet illi hi u zewgha ilhom separati de facto sbatax-il sena u minn dak iz-zmien hi marret tghix l-Ingilterra u l-konvenut jghix Malta. Ghalkemm fix-xhieda irrizulta li l-partijiet kellhom zewgt itfal u mhux wiehed kif issemma fir-rikors promotur, pero’ it-tnejn illum huma maggorenni.

Fix-xhieda tieghu il-konvenut ikkonferma li ilu separat de facto ghal sbatax-il sena u li ma hemmx tama li jirrikonciljaw.

Irrizulta wkoll li hadd mill-partijiet m’ghandu xi prentensjoni ghall-manteniment.

**Decide**.

Ikkunsidrat;

Illi l-provi mressqa jissodisfaw dak rikjest bl-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-ksib tad-divorzju;

Ghal dawn il-motivi, tilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti; u tippronunzja l-hall ta’ zwieg civili ta’ bejn il-partijiet; u ai termini tal-Artikolu 66A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien xahar javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------